

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Settembru 2011

li jwaaqqaf il-grupp ta' esperti dwar il-korruzzjoni

(2011/C 286/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 67(3) tat-Trattat assenja lill-Unjoni Ewropea l-kompitu biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv huma neċessarji l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, kemm organizzata u ta' tip ieħor, inkluża l-korruzzjoni.
- (2) Il-programm ta' Stokkolma-Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini <sup>(1)</sup>, adottat mill-Kunsill Ewropew tal-10-11 ta' Diċembru 2009, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi, ibbażati fuq sistemi eżistenti u kriterji komuni, li jkejju l-isforzi fil-ġlieda ta' kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-*acquis* (l-akkwist pubbliku, il-kontroll finanzjarju, eċċ).
- (3) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2010 dwar L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura <sup>(2)</sup> tisħaq li hija ta' importanza kruċjali li tiġi sostnuta d-determinazzjoni politika għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li huma neċessarji kemm l-azzjoni fuq livell ta' Unjoni kif ukoll il-qsim tal-aħjar Prattiki. Hija tħabbar proposta tal-Kummissjoni fl-2011 fuq kif tissorvelja u tgħin fl-isforzi tal-Istati Membri kontra l-korruzzjoni.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2011 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rappurtar tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni għall-valutazzjoni perijodika ("ir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni") <sup>(3)</sup>, tistipula l-oġġettivi u l-elementi neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni. F'konformità ma' din id-deċiżjoni, mill-2013 'il quddiem dan ir-rapport għandu jkun ippubblikat kull sentejn. Ir-Rapport għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni, meġġuna minn grupp ta' esperti maħtur mill-Kummissjoni, wara sejħa bil-miftuħ għal proċedura. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandu jkollhom speċjalizzazzjoni indiskussa, livell għoli ta' integrità, u reputazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fl-UE <sup>(4)</sup>, għandha previst li l-esperti li għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-ħidma fuq ir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni għandhom jiġu minn firxa wiesgħa ta' sfondi, bħall-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni, is-soċjetà ċivili, u għandhom jintrabtu li jaġixxu fil-kapaċità professjonali personali tagħhom.

- (6) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni, u li jiġu definiti l-kompiti u l-istruttura tiegħu.
- (7) Il-grupp għandu jgħin fix-xogħol tal-Kummissjoni fuq ir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u fuq kwalunkwe politika futura tal-Unjoni li titnissel minnu. B'mod partikolari, il-grupp għandu jagħti parir fuq kwistjonijiet bħal: l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet globali u ta' pajjiżi speċifiċi li għandhom jiġu koperti minn kull rapport, l-iżviluppar ta' indikaturi, il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri, jidentifika l-aħjar Prattiki, l-identifikazzjoni ta' tendenzi tal-UE, u jagħmel rakkomandazzjonijiet u jipproponi miżuri tal-UE fejn huwa xieraq.
- (8) Il-grupp għandu jkun magħmul minn 17-il membru u għandu jkollu rappreżentazzjoni b'bilanċjata f'dak li għandu x'jaqsam ma' sfond istituzzjonali u professjonali, u reġjuni ġeografiċi.
- (9) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tal-grupp.
- (10) Id-dejta personali dwar il-membri tal-grupp għandha tkun ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta <sup>(5)</sup>.
- (11) Il-mandat tal-membri għandu jkun għal erba' snin u għandu jkun jiġġedded.

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

**Suġġett**

Il-grupp ta' esperti dwar il-korruzzjoni, minn hawn 'il quddiem msejjaħ "il-grupp", qed jiġi hawn stabbilit.

<sup>(1)</sup> ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.<sup>(2)</sup> COM(2010) 673 finali.<sup>(3)</sup> C(2011) 3673 finali.<sup>(4)</sup> COM(2011) 308 finali, mhux ippubblikat. Ara d-dokument tal-Kunsill 11580/11.<sup>(5)</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**Artikolu 2****Kompiti**

Il-kompiti tal-grupp għandhom ikunu:

- (a) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mar-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, inkluża l-metodoloġija ta' ħidma, kif ukoll dwar kwistjonijiet illi għandhom x'jaqsmu mal-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet bil-fomm u bil-miktub, kif xieraq u maqbul mal-Kummissjoni;
- (b) li jgħin lill-Kummissjoni tevalwa l-iżvilupp tal-politiki ta' kontra l-korruzzjoni fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, u sabiex jassisti lill-Kummissjoni tidentifika tendenzi ta' korruzzjoni fl-UE;
- (c) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika standards relevanti kontra l-korruzzjoni, kif ukoll indikaturi, li jistgħu jitkejlu magħhom il-valutazzjonijiet tar-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni;
- (d) li jgħin lill-Kummissjoni tidentifika modi kif tiġi ssimplifikata informazzjoni relevanti dwar in-natura, il-firxa u l-kawża tal-korruzzjoni fl-Istati Membri, kif ukoll fuq kemm qed iħallu effett l-isforzi kontra l-korruzzjoni;
- (e) li jgħin lill-Kummissjoni tidentifika kwistjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni globali kif ukoll ta' pajjiżi speċifiċi, ta' relevanza għall-UE u għall-Istati Membri, u bil-possibilità ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni;
- (f) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji li jivvalutaw l-isforzi ta' kontra l-korruzzjoni fl-UE-27;
- (g) li jgħin lill-Kummissjoni tidentifika u tiddefinixxi miżuri u azzjonijiet rilevanti possibbli fuq livell ta' Unjoni u nazzjonali, fuq il-firxa wiesgħa ta' politiki ta' kontra l-korruzzjoni;
- (h) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika l-aħjar Prattiki u modi li jwasslu għall-qsim tal-esperjenza u taġġlim minn pari, li jistgħu jkunu żviluppatti aktar fuq livell ta' Unjoni.

**Artikolu 3****Konsultazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp fuq kull kwistjoni li għandha x'taqsam mar-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u mal-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni.

**Artikolu 4****Sħubija – Ħatra**

1. Il-grupp għandu jkun kompost minn 17-il membru.
2. Il-membri għandhom ikunu individwi b'kompetenza u esperjenza kkonfermata fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-

korruzzjoni fis-settur pubbliku kif ukoll fil-privat, u fil-monitoraġġ/evalwazzjoni ta' politiki u Prattiki ta' kontra l-korruzzjoni.

3. L-għamla tal-grupp għandha tirrifletti l-bilanċ neċessarju bejn il-kompetenzi meħtieġa dwar kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni, kif ukoll l-aspetti varji neċessarji, bħal, iżda mhux limitati għall-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prevenzjoni, it-fassil ta' politika, il-monitoraġġ u/jew is-superviżjoni, ir-riċerka fuq it-tendenzi, il-politiki u/jew l-indikaturi, is-settur pubbliku u privat, il-liġi kriminali, kif ukoll l-aspetti/l-impatti ekonomiċi u soċjali.

4. Il-membri tal-grupp għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

5. Il-membri għandhom jiġu maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni tal-Kummissjoni minn fost dawk li jkunu wiegħbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-Anness tad-Deċiżjoni preżenti).

6. Fuq il-bażi tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti li setgħu kienu meqjusa li huma kandidati xierqa għas-sħubija fil-grupp, li iżda ma għewx maħtura, għandhom jitqiegħdu fuq lista ta' riserva, bil-kunsens tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tuża din il-lista għall-ħatra ta' sostituzzjonijiet bħala membri, jekk ikun meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tqis il-lista ta' riserva insuffiċjenti, tista' terġa' tippubblika sejħa għall-applikazzjonijiet sabiex issawwar lista ġdida.

7. Il-membri għandhom jiġu maħtura f'kapaċità personali għal perjodu ta' erba' snin. Il-membri għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. Għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm jiġu sostitwiti jew sakemm jiskadi l-mandat tagħhom. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

8. Il-membri li ma jkunux għadhom kapaċi jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp, li jirriżenjaw jew li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jiġu sostitwiti għall-kompliment tal-mandat tagħhom.

9. L-ismijiet tal-membri tal-grupp għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-Kummissjoni tal-gruppi ta' esperti u entitajiet simili oħra ("ir-Reġistru")<sup>(6)</sup>, u fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

10. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(7)</sup>.

<sup>(6)</sup> Il-membri li ma jixtiq li isimhom jiġi żvelat jistgħu japplikaw għal eżenzjoni minn din ir-regola. It-talba li li ma jiġix żvelat l-isem ta' membru ta' grupp ta' esperti għandha tiġi meqjusa bħala ġġustifikata kull meta l-pubblikazzjoni tista' tipperikola s-sigurtà jew l-integrità tiegħu jew tipperikola b'mod mhux dovut il-privatezza tiegħu.

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta. Ara nota f'qiegħ il-paġna nru 5.

**Artikolu 5****Operat**

1. Il-grupp għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.
2. Bi qbil mal-Kummissjoni, il-grupp jista' jistabbilixxi sottogrupperi biex jeżaminaw mistoqsijiet speċifiċi fuq il-bażi tat-termini ta' referenza definiti mill-grupp. Dawn il-grupperi għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.
3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista', fuq bażi ad hoc, jistieden esperti minn barra l-grupp li jkollhom kompetenza speċifika f'suġġett li jkun fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-grupp jew tas-sottogrupp.
4. Il-Kummissjoni tista' tagħti status ta' osservatur lil rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u mhux governattivi.
5. Il-prijoritajiet ta' ħidma għandhom jirriflettu l-bżonn ta' rispons ikkoordinat, multidixiplinarju u b'politika koerenti fl-aspetti kollha tal-korruzzjoni.
6. Il-membri tal-grupp kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti mit-Trattati u r-regoli tal-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà relatata mal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE, stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom <sup>(8)</sup>. Jekk jonqosu milli jirrispettaw dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieġu l-miżuri xierqa.
7. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi segretarjali.
8. Il-grupp għandu jissottometti l-opinjonijiet u r-rapporti tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tistipula limitu ta' żmien sa meta għandha tingħata opinjoni jew rapport.

9. Il-grupp jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fuq il-bażi tar-regoli standard ta' proċedura għall-grupperi ta' esperti.

10. Il-Kummissjoni tippubblika l-informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet imwettqa mill-grupp billi jew tinkludiha fir-Reġistru inkella permezz ta' link mir-Reġistru għas-sit tal-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

**Artikolu 6****Spejjeż tal-laqgħat**

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp m'għandhomx jingħataw ħlas għas-servizzi li jipprovdu.
2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għas-sussistenza li jonfqu l-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.
3. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rimborżati fil-limiti tal-approprijazzjonijiet disponibbli allokatu skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

**Artikolu 7****Dħul fis-Seħħ u Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandha tapplika għal 8 snin.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(8)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).

## ANNEX

**Sejħa għal applikazzjonijiet għall-għażla ta' esperti maħtura f'kapaċità personali**

Bid-Deċiżjoni (2011/C 286/03) tat-28 ta' Settembru 2011 <sup>(1)</sup> il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti dwar il-korruzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi lill-grupp u tista' tikkonsulta lill-grupp fuq kull kwistjoni li għandha x'taqsam mar-Rapport tal-UE dwar il-Għieda kontra l-Korruzzjoni u mal-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni.

Il-kompiti tal-grupp tal-esperti huma:

- (a) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mar-Rapport tal-UE dwar il-Għieda kontra l-Korruzzjoni, inkluża l-metodoloġija ta' ħidma, kif ukoll dwar kwistjonijiet illi għandhom x'jaqsmu mal-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet bil-fomm u bil-miktub, kif xieraq u maqbul mal-Kummissjoni;
- (b) li jgħin lill-Kummissjoni tevalwa l-iżvilupp tal-politiki ta' kontra l-korruzzjoni fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, u sabiex jassisti lill-Kummissjoni tidentifika tendenzi fl-UE ta' korruzzjoni;
- (c) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika standards relevanti kontra l-korruzzjoni, kif ukoll indikaturi verifikabbli, li jistgħu jitkejlu magħhom il-valutazzjonijiet tar-Rapport tal-UE dwar il-Għieda kontra l-Korruzzjoni;
- (d) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika modi kif tiġi ssimplifika informazzjoni relevanti dwar in-natura, il-firxa u l-kawża tal-korruzzjoni fl-Istati Membri, kif ukoll fuq kemm qed iħallu effett l-isforzi kontra l-korruzzjoni;
- (e) li jgħin lill-Kummissjoni tidentifika kwistjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni globali kif ukoll ta' pajjiżi speċifiċi, ta' relevanza għall-UE u għall-Istati Membri, u bil-possibilità ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu enfasizzati fir-Rapport tal-UE dwar il-Għieda kontra l-Korruzzjoni;
- (f) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji li jivvalutaw l-isforzi ta' kontra l-korruzzjoni fl-UE-27;
- (g) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika u tiddefinixxi miżuri u azzjonijiet rilevanti possibbli fuq livell ta' Unjoni u nazzjonali, fuq il-firxa wiesgħa ta' politiki ta' kontra l-korruzzjoni;
- (h) li jassisti lill-Kummissjoni tidentifika l-aħjar Prattiki u modi li jwasslu għall-qsim tal-esperjenza u taġlim minn pari, li jistgħu jkunu żviluppati aktar fuq livell ta' Unjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda għaldaqstant taġmel sejħa għall-applikazzjonijiet bit-tir li jintgħażlu membri tal-grupp ta' esperti.

Il-grupp ta' esperti għandu jħaddan 17-il membru, maħtura fil-kapaċità personali taġghom, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni għandha taħtar membri f'kapaċità personali għal perjodu rinnovabbli ta' erba' snin. Dawn għandhom jagħtu lill-Kummissjoni opinjoni indipendenti ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna u għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti. Il-membri għandhom jintrabu li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. Il-Kummissjoni ser tqis il-kriterji li ġejjin meta tivvaluta l-applikazzjonijiet:

- (a) Kompetenza ppruvata, u livell għoli ta' ħila u esperjenza professjonali (mill-inqas ħames snin), fuq livell Ewropew u/jew internazzjonali, l-attivitajiet relatati mal-prevenzjoni u l-għieda ta' kontra l-korruzzjoni u/jew oqsma relatati;
- (b) Għarfien sod tal-acquis u l-politiki attwali tal-UE fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni, kif ukoll tal-istrumenti legali eżistenti ta' kontra l-korruzzjoni, u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni f'dan il-qasam fuq livell Ewropew u internazzjonali;
- (c) Abilità murija ta' ħidma bl-Ingliż;
- (d) Il-bżonn li jkun hemm bilanċ fi ħdan il-grupp ta' esperti f'dak li għandu x'jaqsmu ma' sfond istituzzjonali u professjonali, is-sessi u l-orijini ġeografika <sup>(2)</sup>;
- (e) Il-bżonn li jiġi żgurati il-bilanċ neċessarju bejn il-kompetenzi meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni, kif ukoll l-aspetti varji neċessarji, bħal, iżda mhux limitati għall-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prevenzjoni, it-tfassil ta' politika, il-monitoraġġ u/jew is-superviżjoni, ir-riċerka fuq it-tendenzi, il-politiki u/jew l-indikaturi, is-settur pubbliku u privat, il-liġi kriminali, kif ukoll l-aspetti/l-impatti ekonomiċi u soċjali;
- (f) Il-membri tal-grupp għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Il-ħiliet imsemmija se jiġu eżaminati fuq il-bażi tal-curriculum vitae (CV) mimli kollu u l-formola tal-applikazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 30.9.2011, p. 4.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/407/KE tad-19 ta' Ġunju 2000 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-kumitati u l-gruppi tal-esperti stabbiliti minnha (ĠU L 154, 27.6.2000, p. 34).

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi biss bl-użu tal-mudell tal-formola tal-applikazzjoni (Anness II) u l-mudell tas-CV <sup>(1)</sup>. L-applikanti huma mitluba li jiddikjaraw b'mod ċar fl-applikazzjoni tagħhom il-qasam ta' kontra l-korruzzjoni li fih għandhom ħila partikolari.

L-applikazzjonijiet iffirmati kif suppost għandhom jintbagħtu fi żmien 20 ġurnata mid-data tas-sejħa għal applikanti ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew permezz ta' email inkella bil-posta f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali Affarijiet Interni  
Segretarjat tal-Unità A2  
LX 46 3/131  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË  
HOME-CORRUPTION@ec.europa.eu

Meta l-applikazzjonijiet jintbagħtu b'email, id-data tal-email għandha titqies bħala d-data ta' meta ntbagħtet. Meta l-applikazzjonijiet jintbagħtu bil-posta, it-timbru postali għandu jitqies bħala d-data ta' meta ntbagħtet.

Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza b'rabta mal-attivitàjiet tal-grupp ta' esperti skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Kummissjoni, taħt il-limiti tal-appropriazzjonijiet baġitarji disponibbli. Il-membri m'għandhom jirċievu l-ebda remunerazzjoni għax-xogħol tagħhom.

Il-lista tal-membri tal-grupp għandha tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-Kummissjoni fuq il-gruppi ta' esperti u entitajiet simili oħra ("ir-Reġistru") <sup>(2)</sup>, u fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

Għal kwalunkwe informazzjoni oħra, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sinjura Raluca STEFANUC, Tel. +32 22953152, Posta elettronika: raluca.stefanuc@ec.europa.eu

L-informazzjoni dwar ir-riżultati tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-Internet tad-DĠ Affarijiet Interni, u jekk f'lokha, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> Il-curricula vitae għandhom jiġu sottomessi fil-format Ewropew: <http://www.cedefop.eu.int/transparency/cv.asp>

<sup>(2)</sup> Il-membri li ma jixtix li isimhom jiġi żvelat jistgħu japplikaw għal eżenzjoni minn din ir-regola. It-talba biex ma jiġix żvelat l-isem ta' membru mill-grupp ta' esperti għandha tiġi meqjusa bħala ġġustifikata kull meta l-pubblikazzjoni tista' tipperikola s-sigurtà jew l-integrità tiegħu jew tagħha, jew tipperikola b'mod mhux dovut il-privatezza tiegħu jew tagħha.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

## Appendiċi

## FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI

## 1. Informazzjoni li tikkonċerna lill-applikant

1.1. Titolu:

1.2. Kunjom:

1.3. Isem:

1.4. Sess:

## 1.5. Indirizz ta' kuntatt għall-Kummissjoni (l-indirizz għall-korrispondenza)

1.5.1. Triq, numru:

1.5.2. Kodiċi postali:

1.5.3. Belt:

1.5.4. Pajjiż:

1.5.5. Telefon dirett + numru tal-kodiċi tal-pajjiż (kodiċi taż-żona) numru:

1.5.6. Faks dirett + kodiċi tal-pajjiż (kodiċi taż-żona) numru:

1.5.7. Posta elettronika:

## 2. Informazzjoni li tikkonċerna l-impjeg attwali tal-applikant

2.1. Isem tal-Impjegatur (parti interessata rilevanti):

## 2.2. Indirizz tal-impjegatur/parti interessata

2.2.1. It-triq, in-numru:

2.2.2. Kodiċi postali:

2.2.3. Belt:

2.2.4. Pajjiż

2.3. Pożizzjoni li kellu l-applikant:

2.4. Tul iż-żmien tal-impjieg:

2.5. Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet tal-applikant (inklużi kompetenzi speċifiċi, proġetti jew kompiti speċifiċi, kwalunkwe pubblikazzjoni, esperjenza fuq livell ta' UE u internazzjonali, massimu ta' 15-il linja/2 000 karattru.):

**3. Raġuni għall-applikazzjoni**

(Inkludi informazzjoni dwar id-disponibilità tiegħek u l-grad ta' involviment possibbli fil-ħidma tal-grupp, massimu ta' 15-il linja/2 000 karattru)

--

Firmatarju awtorizzat tal-organizzazzjoni tal-applikant <sup>(1)</sup>:

Titolu	
Isem	
Pożizzjoni fl-organizzazzjoni tal-applikant <sup>(2)</sup>	

Data:
Firma:

<sup>(1)</sup> Għal aġenzji tal-UE biss.

<sup>(2)</sup> Idem.